**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**(Spettur Herman Mula)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs.**

**Giovanni Lassandro**
**Serafina Schembri**

Numru 81/2013

Illum 12 ta' Marzu 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Giovanni Lassandro,** ta' wiehed u hamsin sena (52), bin Michele u Emilia neé Dattero, imwieled Aquaviva dei Fonti, Italja nhar il-15 ta' Marzu 1961, residenti gewwa "Harrow Court", Triq Turu Rizzo, Gzira u detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana bin-Numru AN 9851957

u

**Serafina Schembri**, ta' sebgha u erbghin (47) sena, bint Salvatore u Caterina neé Calabro, imwielda gewwa l-Italja nhar it-18 ta' Novembru 1965, residenti gewwa "Harrow Court", Triq Turu Rizzo, Gzira u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 20277A

akkuzati talli fis-26 ta' Jannar 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom fil-pussess taghhom din id-droga u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

2. kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

3. ikkommettew dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>LIL GIOVANNI LASSANDRO wahdu talli:</u>**

4. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

**<u>LIL SERAFINA SCHEMBRI wahidha talli</u>:**

6. fl-istess lok, hin u cirkostanzi xjentement issoprimiet jew b'xi mod iehor qerdet jew biddlet it-tracci jew l-indizji ta' reat u dan bi ksur tal-Artikolu 111(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma proprjeta' taghhom kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), ta' l-Artikolu 5(1)(a)(b) u 5(1) u 5(2) tal-Att Kontra *Money Laundering*

(Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JS 2" – *a fol.* 15) datat 26 ta' Jannar 2013 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputata Serafina Schembri titressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JS 3" – *a fol.* 16) datat 26 ta' Jannar 2013 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat Giovanni Lassandro jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 268/13 redatt mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, liema Process Verbal jirrigwarda *"sejba ta' ammont sostjanzali ta' sustanza x'aktar droga cannabis u cocaine, misjuba gewwa vettura tal-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni CV635HX nhar is-26 ta' Jannar 2013"* (*a fol.* 86 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 279) datat 20 ta' Marzu 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputati Giovanni Lassandro u Serafina Schembri jigu processati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghhom ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tal-1 ta' April 2014 (*a fol.* 288), din il-Qorti kif diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali msemmi fil-paragrafu precedenti.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 290) datata 14 ta' April 2014 li permezz taghha baghat lill-imputata Serafina Schembri biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 291), din il-Qorti kif diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet l-Artikolu tal-Ligi li jirrizulta fin-Nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' April 2014 hawn fuq imsemmija, f'liema seduta l-imputati taw il-kunsens taghhom ghall-proceduri sommarji.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 312 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 317), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017, id-depozizzjoni moghtija mill-imputat Giovanni Lassandro minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 329 *et seq.*), liema depozizzjoni kompliet tinghata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 337 *et seq.*) u dana in segwitu ta' Digriet moghti fil-15 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 335).

Semghet, fis-seduti tal-14 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 328) u tal-4 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 345), li l-imputata Serafina Schembri kienet ser taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 346), lid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati tinforma lill-Qorti li l-imputati ma kellhomx xhieda xi jressqu f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-14 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 347 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 359 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jason Francis Sultana** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Jannar 2013 hu u PC 1422 Roderick Farrugia kienu qeghdin *patrol* gewwa l-akwati tal-Gzira fejn innutaw vettura tal-ghamla BMW sewda bin-numru ta' registrazzjoni CV635HX li kienet ghaddejja lejn il-Kappara. Jghid li l-vettura kienet misjuqa mill-imputat Lassandro u li mieghu kien hemm l-imputata Schembri u peress li ma kellhomx *seatbelt* gie deciz li jitwaqqfu u li, meta twaqqfu, iz-zewg imputati dehru agitati u b'hekk gie deciz li ssirilhom tfittxija gewwa l-vettura taghhom. Jixhed li meta l-imputata harget mill-vettura hija dehret tarmi borza tal-plastik ta' lewn abjad taht il-vettura u li dana sar fil-prezenza ta' PC 1422 Roderick Farrugia. Jghid li hu (l-iSpettur Sultana) nizel taht il-vettura u meta gabar din il-borza rrizulta li kien fiha ammont sostanzjali ta' weraq x'aktarx *cannabis*. Jghid li marret fuq il-post WPS 33 u li meta tkompliet it-tfittxija gol-bagoll tal-vettura, fil-prezenza tal-imputati u ta' WPS 33 u PC 1422, go *picnic cooler* instabu zewg boroz li kien fihom ammont sostanzjali ta' *grass* u gos-*central console* tal-vettura nstabet borza li maghha kien fiha *tape* iswed u li kien fiha ammont ta' trab abjad x'aktar kokajina u li minn gol-istess *glove compartment* gew elevati zewg boroz ohra. Jghid li gew elevati wkoll *flick knife*, ponn tal-hadid u frosta. Jghid li mentri l-imputata Schembri ttiehdet gewwa

l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, l-imputat Lassandro ttiehed gewwa r-residenza taghhom Flat 5, Harrow Court, il-Gzira sabiex issir tfittxija hemm. Jixhed li minn gol-kamra tal-pranzu gew elevati zewg *kitchen scales* u pakkett tal-kartun li kien jikkontjeni numru ta' boroz *zip-lock* l-istess bhal ma kienu maqfula parti mid-droga li giet elevata minn gewwa l-vettura. Jghid li l-imputati ttiehdu s-CID u li l-investigazzjonijiet tkomplew flimkien mal-iSpettur Herman Mula. Jispjega li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Carol Peralta li ordna li tinfetah Inkjesta fejn gew appuntati diversi esperti sabiex jassistuh. Aktar tard (*a fol.* 47) xehed illi huwa kien prezenti biss ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputata Schembri (Dok. "JS 4" – *a fol.* 17 *et seq.*). Ezebixxa wkoll fedina penali tal-imputati (*a fol.* 49 u *a fol.* 50).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jason Francis Sultana** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 295 *et seq.*) fejn ezebixxa dokumenti dwar il-vettura BMW bil-pjanca CV635HX, fosthom il-*log book* tal-vettura u xi ricevuti fuq min tinstab intestata l-imsemmija vettura. Filwaqt li l-*log book* gie mmarkat bhala Dok. "JS", id-dokumenti l-ohra gew komplessivament immarkati bhala Dok. "JS 1".

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2013, xehed ukoll **PC 1422 Roderick Farrugia** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Jannar 2013 ghall-habta tal-10.10am kien *first watch* u li, f'hin minnhom, waqt li kien *patrol* mal-iSpettur Sultana, l-iSpettur Sultana qallu biex isegwi vettura skura BMW u saqu warajha. Jghid li l-vettura giet imwaqqfa u l-iSpettur u hu hargu mill-vettura u l-iSpettur staqsa lill-imputati li kienu go fiha ghad-dokumenti u li dawn dehru anzjuzi u suspettuzi. Jispjega li l-iSpettur Sultana ddecieda li jaghmel tfittxija fuq il-vettura u f'daqqa wahda semghu jghidlu (lil PC 1422) li l-imputata kienet ramiet pakkett mill-vettura, f'liema hin kienet ix-xita. Jixhed li l-iSpettur gabar il-pakkett f'liema hin l-iSpettur qallu biex jarresta lill-imputat. Jghid li marret fuq il-post WPS 33 Valletta mill-Ghassa tal-Pulizija. Jispjega li meta saret it-tfittxija gew elevati xi affarijiet, fosthom frosta u ponn tal-hadid. Jghid li kien hemm ukoll il-borza li giet migbura minn mal-art mill-iSpettur Sultana, kif ukoll borza mill-*picnic cooler* u xi borza ohra. Jghid li gie deciz li ssir

tfittxija fir-residenza taghhom fejn *"jidhirli li hadnielhom zewg mwiezen u pakkett taz-zip-lock kellu stampi tal-hxejjex fuqu trasparenti"* (*a fol.* 36).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-iSpettur Jason Sultana talab il-passaport liz-zewg persuni li kien hemm fil-vettura. Jghid li fir-residenza nstabu zewg imwiezen digitali tal-kcina digitali.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2013, xehdet ukoll **WPS 33 Bernardette Valletta** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn spjegat li fis-26 ta' Jannar 2013 ghall-habta tal-10.30am giet mitluba tassisti lill-iSpettur Sultana. Tghid li marret fuq il-post flimkien ma' PC 485 u li hekk kif waslu fuq il-post, mentri l-imputat Lassandro kien jinsab barra mill-vettura fil-prezenza tal-iSpettur Sultana u PC 1422, l-imputata Schembri kienet ghadha bil-qieghda fil-vettura. Tghid li l-imputata giet infurmata li kienet ser issir tfittxija fuqha u li kienet ippanikjata hafna u meta saret tfittxija fuqha, fuqha ma nstab xejn. Tghid: *"Tajtha wkoll id-dritt ta' l-avukat imma ma fehmet xejn dak il-hin kienet f'paniku totali"* (*a fol.* 41). Tispjega li l-iSpettur Sultana ordna li ssir tfittxija fil-vettura fejn instabu diversi oggetti. Issemmi li nstabet borza taz-*zip-lock* trasparenti li kellha stampi ta' frott u hxejjex bojod li nstabet fil-*picnic cooler* fil-bagoll. Tghid li fil-bagoll instabet ukoll borza izghar trasparenti imma ma kien fiha l-ebda stampi, kif ukoll bocca ta' trab abjad *size* ta' bocca tal-golf li kienet fil-*handrest*. Tghid li nstabet *flick knife* li kien fiha madwar ghaxar centimetri u *knuckle duster* ta' kulur iswed. Tispjega li fuq wara tal-vettura kien instab qisu nerv, qisu habel iebes. Tixhed li l-iSpettur Sultana ddecieda li ssir tfittxija fir-residenza tal-koppja fil-Gzira, liema tfittxija saret minnha u mill-iSpettur Sultana. Tghid li minn hemmhekk gew elevati zewg mwiezen digitali u pakkett tal-boroz li kienu simili tal-boroz li ghandhom stampi tal-haxix u frott abjad li rat qabel. Ezebiet ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "BV" (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qalet li d-data ndikata fir-rapport ghandha tkun "26" u mhux "25".

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Herman Mula** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn beda billi qal b'dak li gie nfurmat bih minn ghand l-iSpettur Jason Francis Sultana dakinhar tas-26 ta' Jannar 2013 waqt li kien *patrol* fejn gew imwaqqfa z-zewg

imputati. Spjega x'qallu li kien ghamel l-iSpettur Jason Francis Sultana, xi tfittxijiet ghamel, fejn u x'kien sab. Jixhed li l-iSpettur Jason Francis Sultana ha l-ufficcju tieghu (ta' Mula) is-sustanza li giet elevata, li gie mwiezna mis-SOCOS. Jghid li gew interrogati z-zewg imputati u spjega x'qalu.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed **PC 485 Edwin Azzopardi** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Jannar 2013 kien l-Ghassa tal-Pulizija flimkien ma WPS 33 Valletta. Jghid li flimkien ma' WPS 33 Valletta mar fi Sliema Road, Kappara fejn kien qalilha biex tmur l-iSpettur Jason Francis Sultana, fejn jghid li kien hemm vettura BMW bin-*number plates* barranin u kif ukoll kien hemm l-imsemmi Spettur Sultana, PC 1422 u l-imputati. Jghid li WPS 33 marret tkellem lill-imputata *"dahhlitha fil-karozza gabet basket mill-karozza BMW ta' hafna kuluri"* (*a fol.* 66). Jghid li fil-basket kien hemm borza. Jixhed li l-iSpettur Sultana baqa' jaghmel tfittxija fil-vettura fejn fin-nofs fejn tpoggi kien hemm mus. Jghid li fil-vettura misjuqa minnu telghet l-imputata li ttiehdet l-Ghassa tas-Sliema u wara marru fi flat fi Triq Turu Rizzo, Gzira fejn saret tfittxija u regghu marru l-Ghassa. Mistoqsi jghid x'gie elevat mill-flat jghid li PC 1422 kellu f'idejh mizien zghir. Mistoqsi jghid kemm gew elevati mwiezen, wiegeb li hu ra wiehed biss.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2013, xehed **PS 650 Justin Tabone** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Jannar 2013 gie mahtur bhala *Scene of Crime Officer* fl-Inkjesta mmexxija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, liema nkarigu tieghu kien jikkonsisti biex jigbed ir-ritratti necessarji. Spjega x'ghamel u kemm il-ritratt gibed. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JT" (*a fol.* 98 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 123) fejn filwaqt li qal li fis-26 ta' Jannar 2013 gie appuntat bhala espert fl-inkjesta mmexxija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta u spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu, ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MM" – *a fol.* 125 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 149) fejn spjega li fis-26 ta' Jannar 2013 gie nominat biex johrog il-kontenut minn fuq erba' cellulari. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 151 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, xehed **PS 923 Pier Guido Saliba** (*a fol.* 204 *et seq.*) fejn spjega, fost l-ohrajn, li hemm zball fuq *submission form* li hejja hu u li tinsab *a fol.* 131 fejn l-isem "Jose' Manuel Domingo Benito" ghandu jaqra "Giovanni Lassandro".

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013, xehed **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 216 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "PF" (*a fol.* 218 *et seq.*) ir-rapport redatt minnu wara li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2013 din il-Qorti kif diversament preseduta awtorizzatu sabiex jirtira dokument partikolari sabiex isiru ezamijiet kimici ghall-impronti digitali. Jghid li l-ezamijiet taw rizultat fin-negattiv u li b'hekk ma gewx zviluppati impronti digitali minn fuqhom.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, xehdet **Imelda Fede** (*a fol.* 235) fejn ezebiet bhala Dok. "IF" (*a fol.* 237 *et seq.*) traduzzjoni ta' messaggi fil-*mobiles* mil-lingwa Taljana ghal dik Maltija.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013, xehed **il-Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 247) fejn spjega li gie nominat sabiex jaghmel pjanta tal-allegat post fejn kienu twaqqfu l-imputati u sabiex jistabilixxi jekk dan jinstabx f'distanza ta' inqas minn mitt metru 'l boghod minn xi post fejn jiltaqghu z-zaghzagh. Jixhed li ghamel pjanta tal-post, liema pjanta giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RA" (*a fol.* 249 *et seq.*) li fiha ndika li hemm *kindergarten* li jaqa' f'inqas minn mitt metru.

Illi, fis-seduti tal-14 ta' Gunju 2017 u tas-16 ta' Novembru 2017, xehed l-imputat **Giovanni Lassandro** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 329 *et seq.* u *a fol.* 337 *et seq.*) fejn qal li xoghlu kien xufier bit-trakk. Jghid li kienet attivita' personali tieghu li jsuq it-trakkijiet u li mbaghad kien hemm daqxejn krizi, kien ghola l-*petrol*, gholew l-affartijiet u ma setghax ikompli b'dak ix-xoghol. Jghid li fis-snin 2008-2009 kien falla peress li kellu hafna kontijiet x'ihallas u

ma setghax ikompli u b'hekk gie Malta biex ifittex xoghol. Jixhed li fiz-zmien meta gie arrestat dwar dan il-kaz kien Malta peress li kien gab trakk tal-Luna Park li kien jarma' Manoel Island ghal tliet-erba' xhur u baqa' hawn biex ifittex xoghol. Jghid li din kienet l-ewwel darba li gie Malta. Mistoqsi jghid kif waslet id-droga li nsabet fil-vettura tieghu meta twaqqaf mill-Pulizija, wiegeb li kien ra zewg guvintur gejjin Manoel Island wara fejn hemm il-Luna Park fejn jigbru l-iskart u kellhom basket. Jghid li ra li dawn iz-zewg guvintur bdew jahbu dan l-*envelope* taht dghajsa: *"wiehed kien qed jahbiha u l-iehor kien qed ihares"* (*a fol.* 338). Jghid li hu (l-imputat) rahom jitilqu u ma kellhom xejn f'idejhom u mar jara xi hbew u sab il-borza tal-iskart, fetahha, *"U rajt u fhimt li kienet u hadtha u poggejtha fil-karrozza mhux ghax kont qed nahbiha"* (*a fol.* 338). Jghid li ma kienx qed jahbiha pero' tefaghha fil-vettura. Mistoqsi jghid x'kien ra bhala kontenut, wiegeb: *"Kokajina, haxixa"* (*a fol.* 338). Jghid li hu qatt ma kien ghamel uzu mid-droga u lanqas qatt ma ghamel kummerc mid-droga. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni li zammha meta basar li kienet kokajina u haxixa, wiegeb: *"Ma zammejthiex ghal hafna zmien. Rajt li stajt naqla' xi haga xi ftit flus minnha"* (*a fol.* 338). Ghad-domanda: *"Jigifieri malli zammha, zammha, qed nifhmu sew li l-hsieb li ghadda minn mohhu li jzommha biex ibieghha?"* (*a fol.* 338), wiegeb: *"Mhux ghal hafna zmien kont diga' wasalt fil-fatt wasalt biex narmiha"* (*a fol.* 338). Ghad-domanda x'ghamel biex jaffetwa l-pjan li jbieghha sabiex jaqla' xi haga tal-flus, wiegeb li staqsa lil persuna Maltija jekk kinitx interessata u jekk is-sustanza kinitx tajba jew le. Ghad-domanda: *"Jekk kinitx interessata fiex biex tixtri?"* (*a fol.* 339), wiegeb: *"Ma nafx biex nara jekk nistax niehu xi haga, mhux ix-xoghol tieghi pero' fhimt li kienet xi haga kien hemm xi haga"* (*a fol.* 339). Ikkonferma li lil din il-persuna avvicinaha biex jara jistax jixtriha minn ghandu jekk jistax ibieghilu. Jghid li ghamel zewg appuntamenti mieghu pero' dan il-persuna ma deherx u hu (l-imputat) iddejjaq. Jghid li peress li ddejjaq, hu (l-imputat) tilef l-interess u dakinhar li gie arrestat kien sejjer jara flat in-Naxxar u s-sustanza kienet mieghu. Jikkonferma li d-droga baqghet fil-vettura u li l-appartament li kien sejjer jara ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-persuna l-ohra li semma. Mistoqsi jghid min hi din il-persuna, wiegeb: *"Ma nafhiex u ma rajthiex iktar dik il-persuna. Kont ghadni l-Gzira u ma ghadniex noqghod il-Gzira"* (*a fol.*

339). Meta gie mistoqsi jghid fejn kienet id-droga meta gie mwaqqaf mill-Pulizija, wiegeb: *"Dawk iz-zghar kienu fis-seat ta' wara dawk li kienu diga fil-pakketti, imma l-basket kienet qeghda wara miftuha hekk fil-but ta' wara"* (*a fol.* 329). Mistoqsi jghid ghala kienu spartiti fil-vettura, parti naha u parti l-ohra, wiegeb li fin-nofs tas-*seat* ta' wara hemm qisu *glove compartment* u li hemm gew ma kienux jidhlu kollha. Jghid li tefaghha fil-but u ma qghadtx jahbiha. Jghid li d-droga li nstabet mill-Pulizija hija d-droga kollha li sab hu. Jghid li meta twaqqaf mill-Pulizija kien mal-imputata Serafina Schembri, f'liema zmien jghid kien *guest* id-dar taghha, imbaghad saru *partners*. Mistoqsi jghid ghala dakinhar kien hemm l-imputata mieghu, wiegeb: *"Qomna, u konna sejrin in-Naxxar biex naraw dan il-flat u mbaghad minn hemm kellna nibqghu sejrin in-Naxxar, Bahar ic-Caghaq, forsi kien gieni wkoll il-hsieb li jekk jghaddi t-trakk taz-zibel kont narmiha hemm gewwa stess"* (*a fol.* 330). Ghad-domanda: *"X'kienet l-idea li zammha? Fis-sens jekk din ma rnexxilux jbieghha hu u bdiet iddejjqu?"* (*a fol.* 330), wiegeb: *"Zammejtha sal-ghada ghax l-ghada kienu qabduni, jien l-ghada kont sejjer narmiha"* (*a fol.* 330). Jghid li sadakinhar, sa fejn jaf hu, qatt ma kellu xi forma ta' incidenti mal-Pulizija u li qatt ma gie nvestigat jew kellu xi haga simili. Jikkonferma li fl-istqarrija tieghu huwa qal li d-droga ma jaf xejn dwarha u qatt ma abbuza minnha. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala zamm id-droga meta sabha, wiegeb: *"Il-gurnata ta' qabel ikkuntatjat lil din il-persuna imbaghad wara nofsinhar ezattament ma nafx meta gara, imbaghad kont mort id-dar ghax jien m'ghandiex vizzju mmur lejn il-bar jew 'l hemmhekk jew l'hawn ma naf lil hadd u mort lejn id-dar. Habib iehor fil-flat tani appuntament hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, ghidt halli nmur nara dan il-flat l-ewwel, imbaghad nghaddi naghmel dawra jew inkella fl-ghelieqi ghax dan mhux xogholi u jien ma naf lil hadd. Kont naf din il-persuna u azzardajt nistaqsih"* (*a fol.* 331). Mistoqsi jghid jekk huwiex f'pozizzjoni jaghti informazzjoni li twassal ghal identifikazzjoni ta' din il-persuna, wiegeb: *"Iva jekk naraha din il-persuna nghidlek "iva din hi""* (*a fol.* 331). Jghid li dan il-persuna kien Malti u ltaqa' mieghu l-Luna Park. Mistoqsi dwar l-arrest tieghu, jghid li meta l-Pulizija marru warajh, hu dar ir-*roundabout*, kien trankwill u ma kien qed jistenna xejn. Jghid li sema' is-sirena u qatt ma haseb li kienet ghalih ghax qatt ma seta' jahseb hekk. Jghid: *"Illum sal-gurnata tallum nista' nifhem u nghid ghaliex gew ghalija. Nissuspetta li l-Pulizija diga' kienu jafu kollox*

*ghalhekk nissuspetta fuq il-persuna l-ohra. Hija normali din. Kif kienet taf il-Pulizija kollox direttament gew ghalija. Min seta' qalilhom? Inti biss kont taf xi haga"* (*a fol.* 331). Mistoqsi jghid x'kienet taf minn dan kollu l-imputata Schembri, jghid li ma kienet taf b'xejn. Jixhed: *"Meta kienu qeghdin jimmanettjawni, jien ghidt lil Sarah [Serafina], jien bdejt nitrieghed, bdejt nghidilha: "Sarah, Sarah, wara fil-but". Hi kienet fil-karozza, dawn jistghu jghiduh ukoll il-Pulizija"* (*a fol.* 331). Jixhed ukoll: *"Hi … ghamlet xi gest hazin, dan il-Magistrat biss jista' jghidu, hi nizlet mill-karozza u marret fil-but tal-karozza u qabdet biex tarmiha. Dan kollu ghamlitu biex tghini ghax konna vera ppanikjati, anke hi. Imbaghad wara dan, gew Pulizija ohrajn, aggredew lilha wkoll u ghidtilhom jien: "Ikkalmaw, Ikkalmaw. Hi m'ghandha taqsam xejn""* (*a fol.* 332). Jghid li hu ma ghamel l-ebda rezistenza. Jghid li z-zewg imwiezen li gie mistoqsi dwarhom mill-Pulizija m'humiex tieghu pero' huma taghha. Jghid li fuqhom l-imputata Schembri kienet tizen xi dieti. Jghid li hu ma kellu l-ebda bzonn l-ebda mizien ghax ma jinteressahx. Jghid: *"Dan mhux xoghli. Dan mhux xoghli nitkellmu car, zbaljajt all right, imma dan mhux xoghli, u qed inhallas ghalih hafna"* (*a fol.* 332). Rigward il-boroz tal-plastik jew kaxxa kontenenti boroz tal-plastik li gie mistoqsi dwarhom waqt l-interrogazzjoni, wiegeb: *"Tad-dar taghha dawn mhux ta' dari, l-affarijiet tad-dar taghha. Jien kont fil-bidu kont ghadni kemm iltqajt maghha kienet qed tospitani hi"* (*a fol.* 332). Jghid li hu ma ghamilx uzu ta' dawn il-boroz.

In <u>kontro-ezami</u>, saritlu riferenza ghall-istqarrija (Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) u giet moqrija parti minnha, fejn qal li l-imputata Schembri xtrat l-imwiezen u tuzahom ghal meta taghmel xi kejk u fejn qal li l-mizien iz-zghir hadu mieghu fil-vettura u wizen il-pakketti z-zghar tad-droga li kien hemm u li fil-mizien il-kbir wizen il-pakketti l-kbar *"ghax dan ir-ragel li kellimt kien talabni biex nghidlu kemm ghandi bhala ammont"* (*a fol.* 333) u fejn qal li uza borza wahda u fiha tefa' xi *cannabis* u li mbaghad dawwar fehmtu u ma baqghax jifred iktar ghax l-ghada kien sejjer il-Malti u kien ser jehles minnha kif inhi. Meta gie mistoqsi jghid liema hija l-verzjoni vera, wiegeb: *"Fil-fatt qed niftakar issa l-fatt dawn l-imwiezen kont hemmhekk prezenti d-dar jien iva"* (*a fol.* 333). Mitlub jikkonferma li dawn l-imwiezen uzahom biex jizen id-droga li kien sab, wiegeb: *"Le. Meta jien haduni bil-manetti d-dar fuq xi ghaxar, hmistax il-Pulizija, hi ma gietx id-dar"* (*a fol.* 333). Meta rega' gie mistoqsi dwar iz-zewg imwiezen li sabu l-

Pulizija, wiegeb: *"Iva rajthom johduh. Le ma uzajt xejn"* (*a fol.* 333). Jikkonferma li l-persuna li ftiehem mieghu, irrifjuta li jiehu d-droga. Meta nghad lilu li fl-istqarrija lill-Pulizija qalilhom li ftehmu fejn il-pompa tal-*petrol* tal-Gzira, wiegeb: *"Iva, imma qatt ma gie. Jien tlift il-hin, nofs siegha, tliet kwarti, imma qatt ma gie"* (*a fol.* 334). Ikkonferma li kien jaf li s-sustanza kienet illegali u jghid: *"imma nerga' nirrepeti ridt naqla' xi Euro ghax ma kelliex flus imma mhux ghax jien persuna ta' din il-qabda biex naghmel l-affarijiet cari"* (*a fol.* 334).

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"Int ghidt li ma kontx tabbuza mid-droga".* |
| Xhud: | *"Mela x'jien nghid jien?".* |
| Prosekuzzjoni: | *"Kif indunajt x'kienet id-droga mela?".* |
| Xhud: | *"Ghalxiex ma tindunax? M'ghandix sentejn jien. Tinduna hux, imbaghad lil dik il-persuna li mbaghad wara ma nteressahiex iktar imbaghad li ghamlet dak li ghamlet jien x'nista nghidlek sibt ruhi l-habs hawnhekk quddiem il-Magistrat inhallas ghall-konsegwenzi"* (*a fol.* 334). |

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju

huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fis-26 ta' Jannar 2013 l-imputat kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni barranin fi Sliema Road, Kappara/San Gwann u flimkien mieghu kien hemm l-imputata bhala passiggiera fejn ghall-ewwel jinghad li kien *guest* id-dar taghha u mbaghad saru *partners.* Jirrizulta li l-imputati gew imwaqqfa mill-Ufficjal Prosekutur l-eks Spettur Jason Francis Sultana u PC 1422 Roderick Farrugia. Jirrizulta li f'borza li jinghad li l-imputata dehret tarmi taht il-vettura kien hemm ammont sostanzjali ta' *cannabis* u jirrizulta wkoll li mill-vettura nstabu, fost l-ohrajn, *picnic cooler* li fih kien hemm zewg boroz b'ammont sostanzjali ta' *cannabis grass* u minn gos-*central console* instabet borza tal-plastik li kien fiha ammont ta' trab abjad kokajina. Minn tfittxija

li saret fir-residenza gew elevati zewg mwiezen u numru ta' boroz *zip-lock*, bhal ma kienu maqfula parti mid-droga li giet elevata minn gewwa l-vettura.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront taz-zewg imputati, fejn iz-zewg imputati gew akkuzati b'diversi imputazzjonijiet relatati mad-droga, uhud komuni ghat-tnejn li huma u ohrajn attribwibbli biss lill-imputat. *Da parte* taghha, l-imputata giet akkuzata wkoll li ssoprimiet, qerdet jew biddlet it-tracci ta' delitt. Filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 347 *et seq.*) il-Prosekuzzjoni tishaq li ghandha tinstab htija fl-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom, fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 359 *et seq.*) id-difiza, filwaqt li tissottometti li l-imputata ghandha tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha li gew attribwiti lilha, fir-rigward tal-imputat *"tikkoncedi li jkun hemm sejbien ta' htija dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni pero' mhux dwar ir-raba' u l-hames"* (*a fol.* 365), u tispjega ghala.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghall-istqarrijiet (Dok. "JS 4" – *a fol.* 17 *et seq.* u Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxati mill-imputati lill-Pulizija u li jiffurmaw parti mill-atti processwali. Jirrizulta li dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati f'Jannar 2013 u cioé fi zmien meta l-imputati nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhhom ma' avukat (tant li huma ezecitaw dan id-dritt) pero' fi zmien meta l-avukat meta setghax ikun prezenti ghall-interrogatorju taghhom. Mehud in konsiderazzjoni tal-gurisprudenza l-aktar ricenti f'dan ir-rigward, kemm dik Maltija kif ukoll dik li temani mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, wara li l-Qorti semghet lid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha tinforma lill-Qorti li dawn l-istqarrijiet ghandhom jibqghu in atti, il-Qorti tikkonkludi li dawn iz-zewg stqarrijiet ma ghandhomx jigu skartati.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1), it-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat ta' Kokajina u *Cannabis*)</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>:**
Illi minkejja li l-imputazzjonijiet imsemmija hawn fuq huma attribwiti liz-zewg imputati, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputata wahidha.

**<u>L-Imputazzjonijiet Imsemmija Fil-Konfront Tal-Imputata</u>:**

Illi, tenut kont dak li tinsab akkuzata bih l-imputata fl-ewwel tliet imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Hija kienet passiggiera fil-vettura misjuqa mill-imputat.

- Minkejja li l-imputata ma tatx id-depozizzjoni taghha f'dawn il-proceduri, riferenza sejra ssir ghall-istqarrija (Dok. "JS 4" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxata minnha fejn fiha tghid li:

  - hija qatt ma abbuzat mid-droga,

  - ma tafx ta' min kienet id-droga li giet misjuba fil-vettura,

  - m'huwiex minnu li hija taf li l-imputat jittraffika d-droga,

  - iz-zewg imwiezen li nstabu fir-residenza fejn tghix gew moghtija lilha bhala rigal u li l-boroz li nstabu go kaxxa tuzahom biex tiffriza l-laham go fihom u affarijiet ohra.

- Fid-depozizzjoni tieghu moghtija quddiem il-Qorti, l-imputat jghid li l-imputata ma kienet taf b'xejn minn dak kollu relatat dwar id-droga li huwa semma fid-depozizzjoni tieghu. Fl-istqarrija (Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, ghad-domanda jekk l-imputata kinitx taf li kien hemm id-droga fil-vettura, huwa wiegeb fin-negattiv. Fid-

depozizzjoni tieghu, l-imputat filwaqt li jghid li l-boroz tal-plastik kienu tad-dar tal-imputata peress li kien ghadu kemm ltaqa' mal-imputata u kienet qed tospitah hi, jghid ukoll li l-imwiezen misjuba d-dar kienet tuzahom l-imputata biex taghmel xi kejk.

Illi l-Qorti hija konxja tad-diskrepanza li tezisti bejn dak li qalet l-imputata fl-istqarrija (Dok. "JS 4" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxata minnha u dak li qal l-imputat fl-istqarrija (Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu fir-rigward tal-borza tal-*cannabis* li jinghad li giet mormija mill-imputata taht il-vettura, fejn filwaqt li l-imputata wiegbet li hija tahseb li fil-konfuzjoni waqqghet il-borza u ma tafx kif il-borza spiccat taht il-vettura, l-imputat qal li huwa qal lill-imputata biex tnehhi l-borza li kien hemm fil-bagoll. Minkejja dan, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-livell ta' prova rikjesta fi proceduri kriminali, il-Qorti ma tistax tibbaza ruhha fuq kongetturi u fuq suppozizzjonijiet. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputata kienet b'xi mod partecipi ma' dak li kien qed jaghmel l-imputat u b'hekk l-imputata ma tista qatt tinstab hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghha.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li hija konxja ta' dak li gie koncess mid-difiza fir-rigward ta' dawn it-tliet imputazzjoni fir-rigward tal-imputat, hija tal-fehma li ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha f'dan ir-rigward.

**L-Imputazzjonijiet Imsemmija Fil-Konfront Tal-Imputat:**

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess Aggravat ta' Kokajina u *Cannabis*):**

Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti

pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-

sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti fir-rigward ta' dak li jinsab akkuzat bih l-imputat fl-ewwel zewg imputazzjonijiet:

- Huwa kien ix-xufier tal-vettura fejn instabet id-droga in kwistjoni.

- Fl-istqarrija (Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat jaghti spjegazzjoni ta' minn fejn giet id-droga u x'kienet l-intenzjoni li jaghmel biha. Jghid: *"Sibt din il-porkerija. Jien iddecidejt li nzommha, iddecidejt li naqla' lira biha pero' ma kontx naf kif ghandi naghmel u lil min ghandi nkellem u l-anqas kont naf kemm tiswa din id-droga u jien ridt inbieghha kollha f'daqqa lil xi hadd"* (*a fol.* 21).

- Fid-depozizzjoni moghtija mill-imputat quddiem il-Qorti minn jeddu u b'mod volontarju, l-imputat xehed fuq l-istess linji li kien wiegeb fl-istqarrija rilaxxata minnu tant li, fost l-ohrajn, meta gie mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni li zamm id-droga li jghid li kien sab meta basar li kienet kokajina u haxixa, wiegeb: *"Ma zammejthiex ghal hafna zmien. Rajt li stajt naqla' xi haga xi ftit flus minnha"* (*a fol.* 338).

- Fir-rapport tieghu (Dok. "MM" – *a fol.* 125 *et seq.*), l-Espert Forensiku Mario Mifsud wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"(a) li mill-ezamijiet li saru fuq il-boroz tal-plastik li fihom kien hemm speci ta' haxix imfarrak fid-dokument 092/13/01 gie ddeterminat li wahda mill-boroz (092/13/01-02) kienet simili ghall-boroz tal-plastik li kien hemm fid-dokument 092/13/02;*

*(b) li s-speci ta' haxix imfarrak li kien hemm fi speci ta' basket tal-plastik ta' lewn abjad u fl-erba' boroz tal-plastik fid-dokument 092/13/01 f'ammont nett totali ta' 453 grammi nstab li kien partijiet minn pjanti tal-Cannabis. Il-purita' medja tal-haxix imfarrak mill-pjanti tal-Cannabis ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) kienet ta' cirka 07.2%. Il-pjanta tal-Cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(c) Li fit-trab ta' lewn abjad li kien hemm f'borza tal-plastik fid-dokument 092/13/01, f'ammont nett totali ta' 37.7 grammi, instabet fih is-sustanza Kokajina. Il-purita' medja tat-trab ta' lewn abjad ghas-sustanza Kokajina kienet ta' cirka 41.1%. Is-sustanza Kokajina, li hija stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-prezz bl-imnut tal-Herbal Cannabis u l-Kokajina li kien hemm fid-dokument 092/13/01, skont ir-rapport tar-Reitox Malta National Focal Point intitolat "2008-2010 National Report to the EMCDDA" kien ta' cirka €14115" (a fol. 130)".*

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni tal-ammont ta' kokajina u *cannabis* in kwistjoni, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>**:

Illi hawnhekk l-imputat qed jigi akkuzat bl-aggravju maghruf bhala tal-mitt metru. Il-Qorti taghmel riferenza kemm ghad-depozizzjoni moghtija mill-Perit Richard Aquilina (*a fol.* 247) u kif ukoll ghar-rapport redatt minnu (Dok. "RA" – *a fol.* 249 *et seq.*) fejn gie stabbilit li f'inqas minn mitt metru minn fejn gew imwaqqfa l-imputat hemm *kindergarten* bl-isem ta' *"Villa Monaco – Orca Kindergarten"*. Mehud dak li ghadu kemm inghad in konsiderazzjoni jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni *ossia* aggravju gie ppruvat fil-konfront tal-imputat.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Forna jew Ipprokura jew Offra li Jforni jew li Jipprokura d-Droga Kokajina)</u>**
**<u>(Traffikar ta' *Cannabis*)</u>:**

Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat wahdu li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina u bi traffikar ta' *cannabis*.

Illi, fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 359 *et seq.*), id-difiza ssottomettiet li ma fehmitx ghala nhargu r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Id-difiza tissottometti li l-imputat qal li hu kellu l-hsieb li jipprova jaghmel negozju, liema negozju, id-difiza ssostni, baqa' ma sar qatt tant li tghid li dan sfratta bl-intervent tal-Pulizija. Jinghad mid-difiza li ma kienx hemm atti ta' traffikar da parte tal-imputat, u dana minkejja li tirrikonoxxi li seta' kien hemm xi forma ta' atti preparatorji pero' tghid li ma kienx hemm bidu ta' ezekuzzjoni tad-delitt u b'hekk, skond id-difiza, wiehed ma jistax jitkellem dwar traffikar.

Illi, filwaqt li jirrizulta li fil-vettura misjuqa mill-imputat kien hemm id-droga kif imsemmi hawn fuq, jirrizulta wkoll li l-imputat ried izomm din id-droga biex jaqla' il-flus minnha. Dan qalu hu stess meta xehed quddiem il-Qorti. Apparti minn dan, minkejja li l-imputat xehed li huwa qatt ma ghamel kummerc mid-droga, ghad-domanda: *"Jigifieri malli zammha, zammha, qed nifhmu sew li l-hsieb li ghadda minn mohhu li jzommha biex ibieghha?"* (*a fol.* 338), wiegeb: *"Mhux ghal hafna zmien kont diga' wasal fil-fatt wasalt biex narmiha"* (*a fol.* 338). Ghad-domanda x'ghamel biex jaffetwa l-pjan li jbieghha sabiex jaqla' xi haga tal-flus, *ex admissis* wiegeb li staqsa lil persuna

Maltija jekk kinitx interessata u jekk is-sustanza kinitx tajba jew le. Ikkonferma li lil din il-persuna avvicinaha biex jara jistax jixtriha minn ghandu u jekk setghax ibieghilu. Jghid li ghamel zewg appuntamenti mieghu pero' dan il-persuna ma deherx u hu (l-imputat) iddejjaq. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala zamm id-droga meta sabha, wiegeb: *"Il-gurnata ta' qabel ikkuntatjat lil din il-persuna imbaghad wara nofsinhar ezattament ma nafx meta gara, imbaghad kont mort id-dar ghax jien m'ghandhiex vizzju mmur lejn il-bar jew 'l hemmhekk jew l'hawn ma naf lil hadd u mort lejn id-dar. Habib iehor fil-flat tani appuntament hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, ghidt halli nmur nara dan il-flat l-ewwel, imbaghad nghaddi naghmel dawra jew inkella fl-ghelieqi ghax dan mhux xogholi u jien ma naf lil hadd. Kont naf din il-persuna u azzardajt nistaqsih"* (*a fol.* 331).

Illi l-Qorti tinnota li, fl-istqarrija (Dok. "JS 5" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat spjega li huwa ried ibiegh id-droga li kellu lil xi hadd tant li spjega li sab ragel Malti jafu minn wiccu u meta staqsieh jekk kienx jaf b'xi hadd li seta' jixtri d-droga minn ghandu, dan il-persuna qallu biex jiltaqghu l-ghada pero' l-ghada dan ma tfaccax. Fl-istqarrija spjega li l-ghada rega' ltaqa' ma' dan il-persuna u dan qallu biex jergghu jiltaqghu l-ghada.

Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk il-komportament tal-imputat, kif jemergi mill-imsemmi kwadru tal-fatti, jidholx fid-definizzjoni tal-kuncett tar-reat ta' traffikar koncepit fl-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

> "Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-uzu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti</u>, u l-għoti ta' informazzjoni intiza biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza". [emfazi tal-Qorti]

Illi, minn din id-disposizjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' traffikar jikkonfigura anki jekk persuna toffri li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma *"joffri"* hija trodotta bil-kelma *"offer"*. Issa *stante* li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha u cioé li spontanjament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, persuna turi, bil-fatti jew bil-kliem, id-disponibilita' taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.

Illi in propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-**Blackstone Criminal Practice 2001** – (11th. Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi *"Offering to Supply"* kontenuta fil-"Misuse of Drugs Act 1971" S.4" :

> *"An offer may be made by words or conduct [...] Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply".*

Illi l-Qorti tosserva li malli l-imputat staqsa lill-persuna Maltija jekk kinitx interessata li huwa jbieghilu, tant li ghamel zewg appuntamenti mieghu, immaterjalizza r-reat ta' traffikar kif koncepit fl-Ordinanza in dizamina. Ghandu jinghad li anke f'kaz li l-offerta da parti tal-imputat ma saritx spontanjament izda fuq rikjesta ta' min ried jixtri, dan ma kienx jimmilta kontra din il-konkluzjoni.

Illi riferenza ghandha ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ronald Psaila** deciza fit-8 ta' Jannar 2002 f'liema sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li dak li ghamel l-appellant ma kienx jammonta ghal traffikar. [...] L-appellant instab hati skond l-ewwel imputazzjoni ghas-semplici raguni li d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tinkludi l-att ta' minn joffri li jipprovdi d-droga. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-

persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-*cannabis* u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar. Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 ma johloqx ir-reat jew il-figura tat-tentattiv, izda semplicement jipparifika, ghall-finijiet ta' piena, it-tentattiv ta' kull reat kontra l-Kapitolu 101 (kif ukoll certi forom ta' komplicita` -- fid-dawl ta' l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 9, hemm certament element ta' suprefluwita`) mar-reat ikkunsmat".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Min Jissoprimi, Jeqred, Ibiddel Tracci ta' Delitt)</u>:**
Illi hija biss l-imputata li qed tigi akkuzata b'din l-imputazzjoni. L-imputata qed tigi akkuzata li ssopromiet, qerdet jew biddlet tracci tad-delitt. Filwaqt li l-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq fir-rigward tal-imputata fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghha, il-Qorti, minkejja li, kif inghad aktar il-fuq, hija konxja tad-diskrepanza li temergi mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat u minn dik tal-imputata fir-rigward tad-droga li skond il-Pulizija giet mormija taht il-vettura mill-imputata, tinnota li dak li jemergi mis-sitt imputazzjoni sabiex tinstab htija fl-imputata ma jista' qatt ikun attrwibbli lill-imputata. Dan qed jinghad b'mod specjali minhabba dak li nghad aktar il-fuq rigward l-involviment *o meno* tal-imputata fir-rigward tad-droga misjuba fil-vettura u minhabba li d-droga effettivament giet elevata, analizzata u prezentata f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, l-imputata mhijiex ser tinstab hatja tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-ebda imputazzjoni addebita fil-konfront tal-imputata ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta

lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu

operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin tinnota li kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew kollha kemm huma pruvati u li huma kollha ta' natura serja;

- il-fedina penali (*a fol.* 49) tal-imputat li hija wahda kompletament nadifa;

- l-ammont tad-droga u l-valur taghha, liema valur jemani mir-rapport tal-iSpizjar Mario Mifsud; u

- l-fatt li l-Qorti ser tqis illi r-reati kkontemplati fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjoni servew bhala mezz ghal fini sabiex setghu jigu kommessi r-reati fir-raba' (4) u fil-hames (5) imputazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha (u cioé tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni) u b'hekk tilliberaha minnhom,

wara li rat

Artikoli 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Giovanni Lassandro hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (u cioé tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni) u tikkundannah ghal perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3000.00).

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' sekwestru u frizar tal-assi tal-imputat, liema talbiet saru fic-*charge sheet* migjuba fil-konfront tal-imputati, u dana *stante* li qatt ma sar xejn dwar dawn it-talbiet u dana minkejja li t-talbiet imsemmija kienu nkluzi fic-*charge sheet* u anqas ma jirrizulta li qatt kien hemm xi insistenza dwarhom.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Lassandro sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' tmien mija, sitta u disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€896.41).[1] L-imputat m'huwiex ser jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tar-rapporti peritali li jirrizulta li ma gewx intaxxati[2] u anqas ma huwa ser jigi kkundannat ihallas ghat-traduzzjoni mil-lingwa Taljana ghal dik Maltija ta' numru ta' messaggi[3].

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

[1] PC 650 Justin Tabone (Dok. "JT" – *a fol.* 100) (€96.62); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 154 *tergo*) (€635.67); PC 1525 Patrick Farrugia (Dok. "PF" – *a fol.* 224) (€164.12).
[2] Rapporti mmarkati bhala Dok. "MM" (*a fol.* 125 *et seq.*) u Dok. "RA" (*a fol.* 249 *et seq.*)
[3] Traduzzjoni mmarkata bhala Dok. "IF" (*a fol.* 237 *tergo*).

dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**